MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2007

Appell Civili Numru. 528/1998/1

**Dottor Rachel Bonello, bhala mandatarja specjali ta' Nina Finch armla minn Carmelo, Joseph Finch, Mary Denham, u Edward Paul Finch, ilkoll residenti l-Awstralia u ghalhekk assenti minn Malta skond prokura annessa ma' l-avviz u mmarkata Dok. A**

**vs**

**Anthony u Emanuela konjugi Dimech**

**Il-Qorti,**

Fit-8 ta' Novembru, 2006, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

**"**Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attrici nomine talbet sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jizgombraw mill-fond f'San Giljan, f'Telghet San Giljan,

numru tlettax (13) prevja d-dikjarazzjoni minn din l-Onorabbli Qorti li l-konvenuti qieghdin jokkupaw l-istess fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi stante li ma jaqawx taht id-definizzjoni ta’ “kerrej” skond l-artikolu 2 tal-Kap disgha u sittin (69) tal-Ligijiet ta’ Malta u skond kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss minn din il-Qorti.

Bl-ispejjes kollha inklus l-ETS, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni taghhom. Ghal fini tal-kompetenza qed jigi dikjarat li l-valur lokatizzju ta’ dan il-fond ma jeccedix is-somma ta’ hames mitt liri Maltin fis-sena.

Rat kif ukoll il-prokura annessa mal-istess avviz a fol 2 sa fol 6 tal-atti u markata Dok A.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuti konjugi Dimech (fol 11 ibid) u li biha eccepew bir-rispett:

Illi d-domandi attrici huma infondati billi huma qed jokkupaw l-fond mertu tal-kawza b’titolu ta’ lokazzjoni peress illi l-konvenut, Anthony Dimech, huwa n-neputi ta’ Evelyn Magri, l-inkwilina ta’ qabel tal-fond, u huwa u martu kienu ilhom joqghodu regolarment mal-imsemmija Magri u baqghu hekk jirrisiedu sal-mewt taghha u wara l-mewt taghha fid-dar in kwistjoni u dina bhala l-unika residenza taghhom.

Illi ghalhekk l-lokazzjoni mal-mewt ta’ Evelyn Magri ghaddiet favur tal-konvenuti skond il-ligi tal-Kera Kap 69;

Illi ghalhekk d-domandi attrici ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes kontra l-attrici nomine.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment in-noti rispettivi tal-partijiet a fol 95 u fol 100 et seq ibid.

Ikkunsidrat

Illi l-kaz in desamina hu, kollu kemm hu, impernjat fuq il-kwistjoni kif delineata fin-nota tal-eccezzjonijiet

sottomessa mill-konvenuti. Difatti dan qed jallegaw illi qed jokkupaw l-fond in kwistjoni b'titolu ta' lokazzjoni in vista li ghandhom jigu kunsiderati bhala "inkwilini protetti" a basi tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-provi ta' dan il-fatt allegat tispetta lill-istess konvenuti u dan a basi tal-Artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din l-eccezzjoni hi basata fuq l-artikolu 2 tal-Kapitolu 69 imsemmi specifikat dak li jinghad dwar il-kelma 'kerrej'. Difatti 'kerrej' hu definit ukoll bhala "fil-kaz ta' dar ta' abitazzjoni, meta l-kerrej ma jhalliex warajh armla jew armel dawk il-membri tal-familja tal-kerrej li jkunu joqghodu mieghu fiz-zmien tal-mewt tieghu".

Illi, ghalhekk, kien jinkombi fuq il-konvenuti li jipprovaw illi huma, jew wiehed minnhom, hu membru tal-familja tal-inkwilin u li huma jew wiehed minnhom kienu joqghodu mal-inkwilin fid-data tal-mewt ta' dan.

Ikkunsiderat

Illi kif jidher mill-atti in esami u mill-provi prodotti ma hemmx kontestazzjoni illi l-konvenut hu membru tal-familja tal-kerrej, f'dan il-kaz. Difatti il-fond in kwistjoni kien okkupat, bhala dar ta' abitazzjoni minn Evelyn Magri b'titolu ta' kera liema inkwilina kienet mietet fid-9 ta' Awissu 1996. In rigward il-konvenut dan kien imparentat mal-istess inkwilina mejta billi kien in-neputi taghha. Pero, hawnhekk, il-qbil bejn il-partijiet jispicca. Difatti l-attrici nomine, kif jidher mix-xhieda taghha a fol 15 u fol 32 et seq ibid illi l-konvenut kien jirrisjedi fil-Kanada, fejn kien jahdem, waqt li kien jigi regolarment sabiex jsur lil zitu, Evelyn Magri u difatti meta din mietet, l-istess attrici nomine kienet ikkomunikat mal-konvenut, li kien hawn Malta sabiex dan jaghtilha c-cwievet tal-fond in kwistjoni. Inoltre, peress li l-kera kien imhallas, di gja, sa Novembru 1996, hi kienet informat , ukoll, lill-konvenut illi "… seta' juzufruwixxi minn dan il-perjodu ta' kera gja mhallas sabiex jkun jista' johrog l-affarijiet personali ta' Evelyn Magri" li taghha kien l-uniku eredi. Dwar l-istess oggetti, l-

attrici nomine sostniet illi l-‘affarijiet antiki’ li kien hemm fl-istess post kellhom jittiehdu fil-Kanada waqt li dawk li “… ma tantx kienu ta’ valur” kienu ser jigu rkantati mill-konvenut hawn Malta stess, liema irkant di fatti kien sar (ara x-xhieda ta’ Carmel Axiaq a fol 56 et seq ibid) u ta’ Anthony Sammut a fol 58 et seq ibid, li esebixxa ukoll il-katalgu tal-irkant relattiv). Sussegwentment hi pprovat taghmel kuntatt telefoniku fuq in-numri tal-istess post izda avolja kienet ghamlet madwar erba' tentattivi, “…ma kien hemm ebda risposta”. Pero, meta rat hekk kienet kitbet lill-konvenut (ara fol 23, 25 u fol 26 ibid) u fir-risposta tal-Avukat difensur tal-konvenut, hi kienet giet informata illi l-konvenut kien ser jisufruwixxi ruhu mill-posizzjoni tieghu bhala uniku werriet tal-mejta u bhala “inkwilin protett” skond l-artikolu 2 hawn fuq citat billi kien jirrisjedi mal-istess inkwilina fid-data tal-mewt taghha. Ghalhekk l-attrici nomine kienet irrifjutat li tircievi l-hlas ta’ kera da parti tal-konvenut. Inoltre l-attrici nomine esebiet fotokopja ta’ ittra (fol 27 ibid) mibghuta direttament mill-konvenut lill-mandanti tal-attrici nomine li minnha jidher illi dan, wara li accenna ghal fatt illi l-post in kwistjoni kien qed jiddeterjora rapidament u kellu bzonn ta’ riparazzjonijiet, kien offra li jixtri l-istess post. Fl-ahharnett in kontroesami hi stqarret li “Naf li meta l-konvenut kien jigi hawn Malta ghall-btala, kien jghix hawn Malta ma' “Ms Magri”. Sussegwentement hi regghet xedhet sabiex ticcara xi punti fix-xhieda precedenti. Difatti hi semmiet illi l-inkwilina kien hassha hazin meta kienet fid-dar tal-anzjani fil-Gzira u ghalhekk kienet ittiehdet fl-Isptar fejn mietet. Inoltre hi kienet taf illi meta l-istess inkwilina kienet mietet, il-konvenut kien hawn Malta, ghal btala, u difatti dan kien f’Malta “qabel ma mietet Evelyn Dimech (Magri)”.

Illi l-konvenut meta xehed (fol 34, 39, 75, 81 u 87 et seq ibid) xehed illi hu kien jirrisjedi fl-istess post sal-1955 meta emigra lejn l-Ingilterra u imbaghad fil-Kanada. Pero fl-14 ta’ April 1993, kienet mietet omm l-konvenut ossija oht il-mejta Evelyn Magri u meta l-konvenut kien gie Malta ghall-funeral, l-istess Evelyn Magri kienet qaltlu “… li ommu kienet taqdiha u … issa spiccat waheda”. Konsegwentement iz-zija tieghu staqsietu sabiex hu u martu “… noqghodu maghha”. Din il-proposta, avolja

jidher li dak iz-zmien hu kien jahdem fl-Amerika f'dar tal-anzjani, giet accettata minnu fis-sens "li noqghodu Malta u niehdu hsiebha". Difatti, il-konvenut beda jirrisjedi ma zitu "… u kienet tatni ukoll prokura". Fl-1995, kien mar lura fil-Kanada, flimkien ma martu peress li hemm kellhom it-tfal taghhom u kienu damu f'dan il-pajiz ghal madwar erba' xhur. Meta rritorna lura, jidher li zitu kien dahlet tirrisjedi fid-dar tal-anzjoni fil-Gzira. Pero, fil-'weekends", hi xorta wahda kienet toqghod fil-post in kwistjoni anke torqod fih. Inoltre, matul l-ahhar tmien xhur ta' hajjitha, iz-zija kienet "…marida hafna u kienet tmur hafna l-Isptar" fejn eventwalment kienet mietet. In kontro ezami, hu spjega li fil-bidu tal-1995, hu kien informa d-dar tal-anzjani fil-Kanada fejn kien impjegat li ma setax jirritorna lura fil-Kanada Wara l-mewt taz-zija, hu kien kiteb ittra lill-mandanti tal-attrici nomine, liema ittra giet esebita minn dan u tinsab a fol 89 f'liema ittra, kien inkiteb minnu "Since I will be retiring very shortly, my wife and myself in Malta. I am writing to ask if I may <u>continue</u> living here ……" Hu spjega li kien kitibha in vista li kien gie mitlub jaghti lura c-cwievet tal-post in kwistjoni.

Illi ghandu jigi sottolineat illi l-konvenut permezz ta' nota kien esebixxa <u>diversi dokumenti</u> (fol 42 et seq ibid). Fosthom jidher li huma rilevanti s-segwenti:

(a) ittra bid-data tal-25 ta' Awissu 1993 mibghuta mill-istess Evelyn Magri lill-Bank hemm imsemmi (ara fol 42 ibid) minn fejn jidher illi din kienet informat lill-Bank "My nephew Anthony Dimech <u>is residing</u> with me and I wish him to manage all my affairs …."
(b) Fotokopja tal-karta tal-identita tal-konvenut (fol 45) u valida mit-12 ta' Settembru 1996 minn fejn jidher li l-istess konvenut kien registrat fuq il-post in kwistjoni bhala r-residenza tieghu;
(c) Ic-certifikat tal-mewt tal-istess Evelyn Magri li mietet fid-9 ta' Awissu 1996 (fol 45)
(d) Diversi dokumenti li juru meta l-konvenut u martu telqu minn u gew lura f'Malta bejn id-dati hawn msemmija.

Illi fl-ahhar nett <u>Alexander Vella</u> (Fol 71 et seq ibid) specifika illi Evelyn Magri kienet dahlet fic-centru tal-

anzjani msemmi fit-30 ta' Marzu 1995 sakemm mietet fid-9 ta' Awissu 1995.

Ikkunsidrat

Illi minn esami u analisi tal-provi kif esposti din il-Qorti hi tal-fehma illi l-konvenut hawn Malta kien jirrisjedi regolarment fil-post in kwistjoni fiz-zmien meta zitu Evelyn Magri kienet mietet. Difatti jidher mill-istess provi illi l-konvenut kien irrisjeda ghal certu perjodu ta' zmien pjuttost twil fl-istess post sabiex jindokra u jiehu kura tal-istess zija u baqa jirrisjedi go fih anke fid-data tal-mewt taghha. Konsegwentement, jidher fuq basi ta' probabilta (aktarx iva milli le) illi l-konvenut ghandu jigi konsiderat bhala "kerrej protett" ghal kull effett u fini fil-ligi. Ghalhekk it-talbiet attrici ma jistghux jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tichad it-talbiet attrici waqt li tordna illi l-ispejjes kollha ta' dawn il-proceduri jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz."

Minn din is-sentenza appellat l-attrici *nomine*, li talbet ir-revoka taghha in bazi ghall-obbjezzjoni illi l-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti kienet errata fejn qieset lill-konvenut bhala "kerrej protett". Hi tissosttometti illi fuq l-evalwazzjoni tal-provi dik il-Qorti ma kellhiex tasal ghal dik il-konkluzjoni taghha. Il-motivi minnha avvanzati huma s-segwenti:-

(1) Il-konvenut ghandu passaport Kanadiz u ghex u hadem il-Kanada fejn ghadhom joqghodu wliedu. Hu nnifsu kkonfessa fl-ittra tat-23 ta' Settembru 1996 lis-sidien tal-post illi kien ghadu ma rtirax ghal kollox u b' mod permanenti f' Malta. Is-soggorni tieghu f' Malta skond ma johrog mill-istess passaport huma indikativi li hu kien gej u sejjer mill-Kanada ghal Malta u lura;

(2) Ma jaghmelx sens li l-konvenut ibiegh il-mobbli li hu wiret minghand zitu, kemm b' irkant jew bir-rimessa ta' whud minnhom fil-Kanada, biex minflok igib dawk tieghu mill-Kanada;

(3) Fil-mument tal-mewt taghha l-inkwilina zitu ma kienetx tirrisjedi fid-dar lokata izda fic-Centru ghall-Anzjani, u dan sa minn sena u nofs qabel ma mietet. Anke minn dan kien indikattiv li l-konvenuti ma jistghux jitqiesu li kienu joqghodu ma' l-inkwilina;

(4) Fl-ahharnett tikkwerela certi dokumenti esebiti mill-konvenuti, u li fuqhom strahet ukoll l-ewwel Qorti;

Dan premess, jidher mill-atti illi l-kontroversja centrali bejn il-kontendenti tirriverti fuq il-punt, sostenut b' difiza mill-appellati, illi l-konvenut Anthony Dimech, *qua* membru tal-familja ta' l-inkwilina zitu Evelyn Magri, kien jikkwalifika bhala "kerrej" fit-termini tad-definizzjoni, ex-Artikolu 2 (b) tal-Kapitolu 69. Dan jipprovdi li, fil-kaz ta' dar ta' abitazzjoni, meta l-kerrej ma jhallix warajh armla jew armel, il-kelma "kerrej" ghandha tinkludi "dawk il-membri tal-familja tal-kerrej li jkunu joqghodu mieghu fiz-zmien tal-mewt tieghu". Jinghad fis-sentenza magistrali "**Nazzareno Cutajar -vs- Carmela Quirolo *nomine et***", Appell Civili, 1 ta' Dicembru 1961, illi "hemm bzonn li ssir enfasi fuq il-fatt illi b' din id-definizzjoni tal-kelma 'kerrej' il-legislatur kien qieghed u ried jipprovedi ghall-kaz ta' rilokazzjoni wara l-mewt tal-kerrej, cjoe tal-persuna fizika li kienet il-kerrej";

Bhala osservazzjoni tal-punt ta' dritt huwa manifestament deducibbli minn dik l-istess definizzjoni illi l-ligi tirrikjedi zewg rekwiziti konkorrenti fil-kaz li l-kerrej ma jkunx sopravvisut minn armel jew armla. Il-wahda, dik cjoe li wiehed ikun membru tal-familja, hi f' dan il-kaz inkontrovertita. L-ohra, dik li dan l-istess membru ghandu jkun qed jirrisjedi mal-kerrej fil-mument tal-mewt tieghu, tifforma l-pern kollu tal-prezenti disputa bejn il-partijiet;

Opportunement, jokkorri qabel kull konsiderazzjoni tal-provi, illi l-Qorti tiffoka fuq il-kliem "<u>joqghodu mieghu</u>" (mal-kerrej) fit-test tad-definizzjoni. Fil-fehma tal-Qorti n-

nozzjoni tal-konvivenza li jissuggerixxu dawk il-kliem necessarjament tippostula stabilita` tal-hajja domestika mill-membru mal-kerrej, imposta fuqu mill-bzonn jew necessita`, u allura hu minnufih eskluz kull tip ta' okkazjonalita` jew saltwarjeta. F' dan l-istess sens inghad mill-Onor. Imhallef Maurice Caruana Curran fis-sentenza "**Dottor John Agius -vs- Marlene mart Dottor Henry Copperstone *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 25 ta' Mejju 1966 illi "Il-Qorti ghalhekk tifhem li biex parenti ikun jista' jitlob b' success il-protezzjoni tal-Kapitolu 109 (illum Kapitolu 69), ir-residenza tieghu mat-tenant ma tridx tkun kazwali, jew saltwarja, jew ghal semplici kumdita` ahjar, jew ta' semplici pjacir jew ispirata minn dik il-htiega ta' kambjament ta' ambjent li anke jaghmel gid ghas-sahha u ghall-mohh, imma trid tkun ir-residenza ordinarja tal-bniedem, anke jekk ghall-bzonn mhux l-unika residenza tieghu, imma dejjem haga mposta minn necessita`";

A skans ta' ripetizzjoni zejda fuq il-punt ta' dritt il-Qorti tirreferi wkoll ghad-decizjoni taghha in re "**Gemma Brownrigg *et* -vs- Natasha Camilleri**", 20 ta' Ottubru 2003 u dik l-ohra recensjuri tal-21 ta' Frar 2007 fil-kawza fl-ismijiet "**Rita Portelli -vs- Kenneth Aquilina**", b' mod partikolaru s-sentenzi fiha kompendjati;

Jigi rilevat illi mhux ta' importanza l-fatt jekk sid il-fond kienx xjenti jew le minn dik il-konvivenza ghaliex dak li jiswa hi l-prova ta' l-istess konvivenza u din taggrava dejjem fuq il-konvenut li jinvoka l-protezzjoni tal-ligi specjali. Jekk xejn, biex jikkonvinci illi l-allegazzjoni mill-kontroparti tal-prekarjeta ta' l-okkupazzjoni tieghu tal-fond mhix sostenibbli. Indubbjament prova bhal din hi ta' massima rilevanza biex issawwar il-konvinciment tal-gudikant. Dak li jidher li kien, ghall-ewwel Qorti, hekk il-kaz mill-kontenut tas-sentenza appellata u li fiha, anke jekk fuq bazi ta' probabilita`, dehrilha li kellha tippresta affidament lill-versjoni tal-konvenut;

Bir-rispett dovut ghall-konkluzjoni fis-sentenza raggunta, din il-Qorti tistqarr li s-soluzzjoni tal-kaz mhix tant facli u

effettivament il-fattispeci ta' din il-kawza ppreokkupawha mhux ftit ghaliex fl-ahhar mill-ahhar il-materja ezaminata tirreduci ruhha ghal wahda li tiddependi mill-valur u l-kredibilita` li tinghata lilx-xhieda u l-fatti prodotti, u kif dawn jimpingu minn naha l-wahda fuq id-drittijiet ta' l-atturi sidien, li ma jkollhomx il-proprjeta` taghhom virtwalment ikkonfiskata u, minn naha l-ohra, fuq il-jeddijiet tal-konvenuti li jircievu t-tutela tal-ligi;

Minn dawn l-istess fatti u provi jidher li kollox kellu inizju fl-1993 fl-okkazjoni ta' meta l-appellat gie Malta ghall-funeral ta' ommu u l-inkwilina zitu staqsietu biex joqghod maghha. Gie difatti prospettat minnu illi sa minn tliet snin qabel il-mewt ta' zitu (9 ta' Awissu 1996) huwa u martu stabbiliew residenza ordinarja maghha fil-fond lokat. Jinghad fir-risposta ta' l-appell illi din ir-residenza taghhom maz-zija ma kienetx pretest imma decizjoni genwina biex jiehdu hsiebha. Hi proprju l-genwinita` ta' dan il-movent li din il-Qorti ssib difficli li ghandha temmen. Fir-rigward, hu opportun li taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(1) Mill-fotokopji tal-passaport jirrizulta illi effettivament wara l-funeral ta' ommu l-konvenut kien telaq lura l-Kanada fid-9 ta' Jannar 1994 minn fejn gie lura fid-9 ta' Lulju 1994. F' dik is-sena huwa dam Malta sa l-1 ta' Ottubru 1994;

(2) Fis-sena 1995 huwa gie Malta darbtejn u cjoe mill-11 ta' April 1995 sad-29 ta' April 1995 u mill-24 ta' Ottubru sad-9 ta' Dicembru 1995. Ta' min jinnota illi zitu kienet fit-30 ta' Marzu 1995 irrikoverat ruhha fic-Centru ghall-Anzjani fl-Imsida. Ara deposizzjoni ta' Alexander Vella, kap ta' dan ic-Centru, a fol. 71. Tajjeb ukoll li jigi notat illi mid-dokument esebit minn dan l-istess xhud a fol. 73, iz-zija kienet iddikjarat illi l-persuna li ghandha tigi kkuntattjata f' kaz ta' necessita impellenti hi certa Beatrice Mangion ta' 28/3 Sir Luigi Preziosi Street, Floriana;

(3) Meta xehed fis-seduta tat-30 ta' April 2001 (fol. 75 *et sequitur*) il-konvenut stqarr li, skond ma qaltlu zitu, hi kellha tidhol fic-Centru ghaliex kellha dik l-

opportunita` u ghaliex ukoll il-*basement* fejn kienet qed torqod kien perikoluz. Meta, imbaghad, rega’ ddepona fis-seduta tat-22 ta’ Ottubru 2001 hu jghid dan: “Evelyn Magri ma riedetx tmur f’ dar ta’ l-anzjani hawn Malta, u lanqas ma riedtha jiena, pero` sfortunatament jiena, xi drabi, kelli nsiefer biex nara lit-tfal barra minn Malta” (fol. 84);

(4) Dejjem fis-seduta tat-30 ta’ April 2001 l-appellat jiddikjara li fl-1995 kellu jmur il-Kanada peress li hemm ghad ghandu t-tfal. Dan f’ certu sens jattalja ma’ dak li xehed aktar tard fis-seduta tat-22 ta’ Ottubru 2001. Zgur pero` li mhux kredibbli meta jghid li “hawn Malta, maz-zija, kellu lil martu”. Dan kemm ghar-raguni li, kif osservat, iz-zija kienet gja dahhlet fic-Centru ghall-Anzjani u, aktar u aktar, ghaliex mill-annotament maghmul presumibilment mill-istess appellati a fol. 47 din martu ma jidherx li qatt giet Malta fil-kors tas-sena 1995. Jirrizulta, in fatti, illi wara li kienet irritornat lura l-Kanada fis-17 ta’ April 1994 din giet lura Malta biss fit-12 ta’ Settembru 1996, meta allura z-zija kienet gja mietet;

(5) Din il-Qorti ma tistax ma tikkonsidrax ukoll dan l-aspett. Jekk verament hu minnu li fl-1993 il-konvenut kien iddecieda li jaccetta t-talba ta’ zitu li jigi joqghod maghha, ghalfejn kellu jhalli proprju sa l-ahhar ta’ Dicembru 1994 jew il-bidu ta’ l-1995 biex jaghti avviz ta’ terminazzjoni mill-impjieg tieghu fl-Amerka, fejn kien jahdem. Ara xhieda tieghu a fol. 81. Lanqas ma jista’ jisfuggi mill-attenzjoni dovuta l-fatt illi sa wara l-mewt taz-zija, u precizament b’ ittra tat-23 ta’ Settembru 1996 lil wahda mis-sidien (esebita a fol. 89), il-konvenut kien ghadu qed jiddikjara li kien bi hsiebu jigi joqghod ghal kollox f’ Malta. Fiha testwalment jikteb hekk: “*Since I will be retiring very shortly my wife and myself in Malta, I am writing to ask you if I may continue to living here and paying the rent to Dr. Edwin Bonello as her sole heir*”;

(6) Sewwa, imbaghad, gie sottomess mill-appellanti *nomine* illi lanqas jaghmel sens illi l-appellat, jiddisponi f’ irkant, jew bit-trasferiment taghhom fil-Kanada, mill-assi mobbli ereditarji ta’ antikwarjat u ta’

valur lilu devolut minn zitu biex minflok igib Malta l-affarijiet mobbli tieghu fil-Kanada;

(7) Innegabilment, u taht certu profil, mhux eskluz li jista' jkollha piz debitu s-sottomissjoni ta' l-appellati fit-twegiba taghhom ta' l-appell illi mhux plawsibbli illi huma, li kellhom it-tnejn impjieg il-Kanada u fejn kellhom ukoll lil uliedhom, jaqbdu u jigu Malta minghajr ma jkunu certi li ghandhom post fejn jirrisjedu permanentement. Minn naha l-ohra, anke jekk dan kien fil-hsieb taghhom, dan ma jfisserx li, ghal dik ir-raguni u b' dak l-intendiment, huma kienu gja ffissaw id-dimora taghhom b' mod stabbli u permanenti fil-fond *de quo*, jew li ghalhekk ghandhom jircievu l-protezzjoni akkordata bil-ligi specjali;

(8) Tradott fir-realta` u fid-dawl tal-provi akkwiziti dawk is-soggorni taghhom fil-fond ma jaghmlux dik il-konvivenza ordinarja ma' l-inkwilina li trid il-ligi, kif ahjar amplifikata mill-gurisprudenza, ukoll dik citata mill-konvenuti fin-Nota responsiva ta' l-osservazzjonijiet quddiem l-ewwel Qorti. Rigwardati *tout ensemble,* u wara li rriflettiet sewwa dwarhom, ic-cirkustanzi tal-kaz jinducu f' din il-Qorti l-konvinzjoni illi ma tistax toqghod b' affidament fuq l-allegazzjoni tal-konvenuti li huma, tnehhi l-assenzi taghhom minn Malta, effettivament irrisjedew fil-fond biex jiehdu hsieb u kura taz-zija. Pjuttost, minn valutazzjoni tal-provi din il-Qorti tinklina versu l-affermazzjoni ta' l-appellanti *nomine* illi dawk is-soggorni kellhom aktar minn natura ta' btajjel milli ta' xi konsegwiment konkret ghal fini ta' l-indukrar taz-zija nkwilina. Mill-korp ta' l-atti processwali, ghallanqas fil-fehma ta' din il-Qorti, din it-tezi tar-residenza ghal dak l-iskop ma hi bl-ebda mod suffragata, la *quid facti* u lanqas *quid iuris*;

Il-Qorti jidhrilha li tista' tissofferma fuq il-konsiderazzjonijiet appena zvolti anke jekk certament jezistu elementi ohra mill-provi attendibbli li jkomplu jikkonfortaw il-konvinzjoni taghha hawn raggunta.

Ghal dawn il-motivi u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet kollha superjorment maghmula din il-Qorti qed tilqa' l-appell u b'

hekk thassar u tirrevoka s-sentenza appellata. Konsegwentement takkolji t-talba ta' l-attrici *nomine* kif dedotta fl-Avviz promotur u ghal fini ta' l-izgumbrament mill-fond *de quo* tipprefiggi lill-konvenuti terminu perentorju u improrogabbli ta' erba' xhur mil-lum. L-ispejjez taz-zewg istanzi jibqghu a karigu tal-konvenuti appellati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------